MFSA
MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# Stqarrija għall-Istampa

## Protesti Ġudizzjarji dwar Fondi ta' Investiment

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) irċeviet mistoqsijiet dwar protesti ġudizzjarji magħmula minn investituri ta' fondi ta' investiment. Il-kwistjonijiet imqajma f'dawn il-protesti ġudizzjarji dwar fondi ta' investiment qegħdin jiġu eżaminati mill-Awtorità, kemm mill-perspettiva dwar il-konsumatur u anki mill-aspett regolatorju.

L-MFSA hi marbuta b'kunfidenzjalita fix-xogħol tagħha, u ma tistax tagħti informazzjoni miġbura mill-konsumaturi jew mingħand dawk li għandhom liċenżja biex jagħtu servizz finanzjarju. Madankollu, fil-ħin opportun, kemm min għamel ilment uffiċjali mal- Awtorità kif ukoll dawk li jagħtu servizz finanżjarju liċenzjat, ikunu infurmati bir-riżultati tal-istħarriġ u d-deċiżjonijiet li tkun ħadet l- Awtorità.

**Maħruġa mill-Communications Unit**
**Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta'Malta**
**18 ta' Awwissu 2010**
**Ref: MFSA MR 09/2010**